MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 637/2005

**Atlas Insurance Limited [C15239], kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel sive' Charles Micallef u l-istess Carmel sive' Charles Micallef [ID 532736M]**

**Vs**

**Kenneth Tabone**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm228.75c) rapprezentanti danni kkagunati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Tas-Sliema fid-9 ta' Settembru, 2004 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru HAD 867 habat mal-vettura numru FBP 213, proprjeta' ta' l-attur Carmel sive Charles Micallef li kienet ipparkjata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm228.75c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------